SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

22 ta' Ġunju 2023 * [i]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Direttiva 2012/13/UE – Artikoli 3 u 4 – Obbligu impost fuq l-awtoritajiet kompetenti li jinformaw fil-pront lill-persuni ssuspettati u lill-persuni akkużati bid-dritt tagħhom li jibqgħu siekta – Artikolu 8(2) – Dritt li jiġi invokat il-ksur ta' dan l-obbligu – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lill-qorti kriminali li tiddeċiedi dwar il-mertu milli tikkonstata tali ksur *ex officio* – Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"

Fil-Kawża C-660/21,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari abbażi tal-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-tribunal correctionnel de Villefranche-sur-Saône (il-Qorti Kriminali ta' Villefranche-sur-Saône, Franza), permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Ottubru 2021, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Ottubru 2021, fil-proċedura kriminali

Procureur de la République

vs

K.B.,

F.S.,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

Komposta minn K. Lenaerts, President, L. Bay Larsen, Viċi President, A. Arabadjiev, C. Lycourgos, E. Regan, M. Safjan (Relatur), P. G. Xuereb, L. S. Rossi, D. Gratsias u M. L. Arastey Sahún, Presidenti ta' Awla, S. Rodin, F. Biltgen, N. Piçarra, I. Ziemele u J. Passer, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: S. Beer, amministratriċi,

Wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-20 ta' Settembru 2022,

Wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal K.B., minn C. Lallich u B. Thellier de Poncheville, avocats,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

– għal F.S., minn B. Thellier de Poncheville u S. Windey, avocates,

– għall-Gvern Franċiż, minn A. Daniel u A.-L. Desjonquères, bħala aġenti,

– għall-Irlanda, minn M. Browne, Chief State Solicitor, M. A. Joyce, M. Lane u J. Quaney, bħala aġenti, assistiti minn R. Farrell, SC, minn D. Fennelly, BL, u minn P. Gallagher, SC,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Azéma u M. Wasmeier, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali matul is-seduta tas-26 ta' Jannar 2023,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU 2012, L 142, p. 1), tal-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU 2016, L 65, p. 1), u tal-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċedura kriminali mressqa kontra K.B. u F.S. għal reati ta' serq ta' fjuwil.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2012/13

3 Il-premessi 3, 4, 10, 14, 19 u 36 tad-Direttiva 2012/13 huma fformulati kif ġej:

"(3) L-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet f'materji kriminali tippresupponi li l-Istati Membri jafdaw fis-sistemi tal-ġustizzja kriminali ta' xulxin. Il-punt safejn jasal ir-rikonoxximent reċiproku jiddipendi ħafna fuq numru ta' parametri, li jinkludu mekkaniżmi għas-salvagwardja tad-drittijiet ta' persuni suspettati jew akkużati u standards minimi komuni meħtieġa biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku.

(4) Ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet f'materji kriminali jista' jaħdem b'mod effettiv biss fi spirtu ta' fiduċja fejn, mhux biss l-awtoritajiet ġudizzjarji iżda l-atturi kollha fil-proċess kriminali jikkunsidraw id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stati Membri oħra bħala ekwivalenti għal tagħhom, li jimplika mhux biss fiduċja fl-adegwatezza tar-regoli ta' Stati Membri oħra, iżda wkoll fiduċja li dawk ir-regoli huma applikati korrettament.

[…]

(10) Regoli minimi komuni għandhom iwasslu għal żieda fil-fiduċja fis-sistemi tal-ġustizzja kriminali tal-Istati Membri kollha, li bħala riżultat għandha twassal għal koperazzjoni ġudizzjarja aktar effiċjenti fi klima ta' fiduċja reċiproka. Tali regoli minimi komuni għandhom jiġu stabbiliti fil-qasam tal-informazzjoni fi proċeduri kriminali.

[…]

(14) Din id-Direttiva […] tistabbilixxi standards minimi komuni li għandhom jiġu applikati fil-qasam tal-informazzjoni dwar id-drittijiet u dwar l-akkuża li tingħata lil persuni suspettati jew akkużati li kkommettew reat, bil-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Id-Direttiva tibni fuq id-drittijiet stabbiliti fil-Karta, u b'mod partikolari l-Artikoli 6, 47 u 48 tagħha, billi tibni fuq l-Artikoli 5 u 6 tal-[Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950,] kif interpretati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. […]

[…]

(19) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw fil-pront lis-suspettati jew lill-persuni akkużati b'dawk id-drittijiet, hekk kif japplikaw taħt il-liġi nazzjonali, li huma essenzjali biex tiġi salvagwardjata l-korrettezza tal-proċeduri, jew bil-fomm jew bil-miktub, kif previst b'din id-Direttiva. Sabiex ikun jista' jsir eżerċizzju prattiku u effikaċi minn dawk id-drittijiet, l-informazzjoni għandha tkun provduta fil-pront matul il-proċeduri u l-aktar tard qabel l-ewwel interrogazzjoni uffiċjali tal-persuna suspettata jew akkużata mill-pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra.

[…]

(36) Is-suspettati jew persuni akkużati jew l-avukat tagħhom għandu jkollhom id-dritt li jikkontestaw, f'konformità mad-dritt nazzjonali, in-nuqqas jew ir-rifjut possibbli tal-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu l-informazzjoni jew jiżvelaw ċertu materjal tal-każ f'konformità ma' din id-Direttiva. Dak id-dritt ma jinvolvix l-obbligu għall-Istati Membri li jipprevedu proċedura ta' appell speċifika, mekkaniżmu separat, jew proċedura ta' kwerela li permezz tagħhom dan in-nuqqas jew dan ir-rifjut jista' jiġi kkontestat."

4 L-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, intitolat "Id-dritt għal informazzjoni dwar id-drittijiet", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-suspettati jew il-persuni akkużati jingħataw fil-pront informazzjoni dwar tal-anqas id-drittijiet proċedurali li ġejjin, kif dawn japplikaw taħt il-liġi nazzjonali, sabiex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv ta' dawk id-drittijiet:

a) id-dritt ta' aċċess għal avukat;

b) kwalunkwe dritt għal parir legali mingħajr ħlas u l-kondizzjonijiet biex jinkiseb tali parir;

c) id-dritt li l-persuna tkun informata bl-akkuża, f'konformità mal-Artikolu 6;

d) id-dritt għal interpretar u traduzzjoni;

e) id-dritt li persuna tibqa' siekta.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni provduta taħt il-paragrafu 1 għandha tingħata bil-fomm jew bil-miktub, f'lingwaġġ sempliċi u aċċessibbli, b'kont meħud ta' kwalunkwe bżonnijiet partikolari ta' suspettati vulnerabbli jew ta' persuni akkużati vulnerabbli."

5 L-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Ittra tad-drittijiet mal-arrest", jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li suspettati jew persuni akkużati, li jiġu arrestati jew detenuti jkunu provduti fil-pront b'Ittra tad-Drittijiet bil-miktub. Huma għandhom jingħataw l-opportunità li jaqraw l-Ittra tad-Drittijiet u għandhom jitħallew iżommuha fil-pussess tagħhom matul iż-żmien kollu li huma jkunu imċaħħdin mil-libertà.

2. Barra mill-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 3, l-Ittra tad-Drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tinkludi informazzjoni dwar id-drittijiet li ġejjin hekk kif japplikaw fil-liġi nazzjonali:

a) id-dritt ta' aċċess għall-materjal tal-każ;

b) id-dritt li l-awtoritajiet konsulari u persuna waħda jiġu informati;

c) id-dritt ta' aċċess għal għajnuna medika urġenti;

d) in-numru massimu ta' sigħat jew ġranet li s-suspettati jew il-persuni akkużati jistgħu jiġu mċaħħda mil-libertà qabel ma jittellgħu quddiem awtorità ġudizzjarja.

3. L-Ittra tad-Drittijiet għandha tinkludi wkoll informazzjoni bażika dwar kwalunkwe possibiltà, taħt il-liġi nazzjonali, biex tiġi kkontestata l-legalità tal-arrest; li jinkiseb rieżami tad-detenzjoni jew issir talba għal-libertà provviżorja.

4. L-Ittra tad-Drittijiet għandha tinkiteb b'lingwaġġ sempliċi u aċċessibbli. Mudell indikattiv tal-Ittra tad-Drittijiet jinsab fl-Anness I.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-suspettati jew il-persuni akkużati jirċievu l-Ittra tad-Drittijiet bil-miktub b'lingwa li jifhmu. Fejn l-Ittra tad-Drittijiet mhix disponibbli fil-lingwa xierqa, is-suspettati jew il-persuni akkużati għandhom jiġu informati bid-drittijiet tagħhom bil-fomm u b'lingwa li jifhmu. Imbagħad, għandha tingħatalhom Ittra tad-Drittijiet f'lingwa li jifhmu, mingħajr dewmien żejjed."

6 L-Artikolu 8 tal-istess direttiva, intitolat "Verifika u rimedji", huwa fformulat fik ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta tingħata informazzjoni lis-suspettati jew lill-persuni akkużati f'konformità mal-Artikoli 3 sa 6 dan jiġi rreġistrat, bl-użu tal-proċedura ta' reġistrazzjoni speċifikata fil-liġi tal-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-suspettati jew il-persuni akkużati jew l-avukat tagħhom ikollhom id-dritt ta' kontestazzjoni, f'konformità mal-proċeduri fil-liġi nazzjonali, rigward in-nuqqas jew iċ-ċaħda possibbli tal-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu l-informazzjoni f'konformità ma' din id-Direttiva."

Id-Direttiva 2013/48/UE

7 Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU 2013, L 294, p. 1), jinkludi Artikolu 3, intitolat "Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali", li jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat f'ħin u b'mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw d-drittijiet tagħhom ta' difiża b'mod prattiku u b'mod effettiv."

8 L-Artikolu 9 ta' din id-direttiva, intitolat "Rinunzja", huwa fformulat fit-termini li ġejjin:

"1. Mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali li teħtieġ il-preżenza jew l-assistenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-Artikoli 3 u 10:

a) il-persuna suspettata jew akkużata tkun ingħatat, bil-miktub jew bil-fomm, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwaġġ sempliċi u li jinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt konċernat u l-konsegwenzi possibbli tar-rinunzja għalih; u

b) ir-rinunzja tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.

2. Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew bil-fomm, għandha tiġi rreġistrata, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom tkun ingħatat ir-rinunzja, bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru konċernat.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati jistgħu jirrevokaw ir-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju matul il-proċedimenti kriminali u li huma jiġu infurmati b'dik il-possibbiltà. Tali revoka għandu jkollha effett mill-mument li ssir."

Id-Direttiva 2016/343

9 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2016/343, intitolat "Id-dritt li wieħed jibqa' sieket u d-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt li jibqgħu siekta fir-rigward tar-reat kriminali li huma suspettati jew akkużati li wettqu.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt li ma jinkriminawx ruħhom.

3. L-eżerċizzju tad-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu ma għandux jimpedixxi lill-awtoritajiet kompetenti mill-ġbir ta' evidenza li tista' tinkiseb legalment bl-użu leġittimu ta' setgħat ta' koazzjoni u li għandha eżistenza indipendenti mir-rieda tal-persuni suspettati jew akkużati.

4. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtoritajiet ġudizzjarji tagħhom biex iqisu, meta jagħtu s-sentenza, l-imġiba ta' kooperazzjoni tal-persuni suspettati u akkużati.

5. L-eżerċizzju minn persuni suspettati u akkużati tad-dritt li wieħed jibqa' sieket jew tad-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu ma għandux jintuża kontrihom u ma għandux jitqies bħala evidenza li huma wettqu r-reat kriminali kkonċernat.

6. Dan l-Artikolu ma għandux jipprekludi lill-Istati Membri milli jiddeċiedu li, fir-rigward ta' reati żgħar, it-tmexxija tal-proċedimenti, jew ċerti stadji tagħhom, jistgħu jsiru bil-miktub jew mingħajr l-interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tar-reat ikkonċernat, sakemm dan jikkonforma mad-dritt għal proċess ġust."

Id-dritt Franċiż

10 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-code de procédure pénale (iktar 'ilquddiem il-"Kodiċi tal-Proċedura Kriminali") jipprevedi:

"Reat jew delitt *in flagrante* huwa r-reat jew id-delitt li jitwettaq attwalment, jew li għadu kif twettaq. Ikun hemm reat jew delitt *in flagrante* ukoll meta, fi żmien qarib ħafna għall-azzjoni, il-persuna suspettata tiġi segwita mill-għaa pubbliku, jew tinstab fil-pussess ta' oġġetti, jew tippreżenta traċċi jew indizji li jgħattu lil wieħed x'jifhem li hija pparteċipat fir-reat jew fid-delitt."

11 L-Artikolu 63-1 ta' dan il-kodiċi huwa fformulat kif ġej:

"Il-persuna mqiegħda taħt detenzjoni mill-pulizija għandha immedjatament tiġi informata minn uffiċjal tal-pulizija ġudizzjarja jew, taħt il-kontroll ta' dan tal-aħħar, minn aġent tal-pulizija ġudizzjarja, f'lingwa li hija tifhem, fejn xieraq permezz tal-formula prevista fit-tlettax-il paragrafu:

1° Dwar it-tqegħid tagħha taħt detenzjoni mill-pulizija kif ukoll dwar it-tul tal-miżura u dwar l-estensjoni jew l-estensjonijiet li din tal-aħħar tista' tkun suġġetta għalihom;

2° Dwar il-klassifikazzjoni, dwar id-data u dwar il-post preżunti tal-ksur li hija ssuspettata li wettqet jew ipprovat twettaq kif ukoll dwar ir-raġunijiet imsemmija fil-punti 1° sa 6 tal-Artikolu 62-2 li jiġġustifikaw it-tqegħid tagħha taħt detenzjoni mill-pulizija;

3° Dwar il-fatt li hija tibbenefika:

– mid-dritt li tinforma lil persuna qrib tagħha u lill-persuna li timpjegaha kif ukoll, jekk hija tkun ta' nazzjonalità barranija, lill-awtoritajiet konsulari tal-Istat li hija tkun ċittadina tiegħu, u, fejn xieraq, li tikkomunika ma' dawn il-persuni, konformement mal-Artikolu 63-2;

– mid-dritt li tiġi eżaminata minn tabib, konformement mal-Artikolu 63-3;

– mid-dritt li tkun assistita minn avukat, konformement mal-Artikoli 63-3-1 sa 63-4-3;

– jekk meħtieġ, mid-dritt li tkun assistita minn interpretu;

– mid-dritt li tikkonsulta, fl-iqsar terminu possibbli u mhux iktar tard mill-eventwali estensjoni tat-tqegħid taħt detenzjoni mill-pulizija, id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 63-4-1;

– mid-dritt li tippreżenta osservazzjonijiet lill-prosekutur tar-Repubblika jew, fejn xieraq, lill-qorti responsabbli għal kwistjonijiet marbuta mal-libertà u mad-detenzjoni, meta din il-qorti tiddeċiedi dwar l-eventwali estensjoni tat-tqegħid taħt detenzjoni mill-pulizija, intiżi

sabiex tintemm din il-miżura. Jekk il-persuna ma tiġix ippreżentata quddiem il-qorti, hija tista' tesprimi b'mod orali l-osservazzjonijiet tagħha fil-proċess verbal tas-seduta, li jiġi kkomunikat lil din tal-aħħar qabel ma tiddeċiedi fuq l-estensjoni tal-miżura;

– mid-dritt, matul is-seduti, wara li tkun żvelat l-identità tagħha, li tagħmel dikjarazzjonijiet, li twieġeb għal mistoqsijiet li jsirulha jew li tibqa' siekta.

[…]

Għandha tiddaħħal nota tal-informazzjoni mogħtija skont dan l-artikolu fil-proċess verbal tal-iżvolġiment tad-detenzjoni mill-pulizija u din għandha tiġi ffirmata mill-persuna taħt detenzjoni mill-pulizija. F'każ li l-firma tiġi rrifjutata, għandha tittieħed nota ta' dan.

Skont l-Artikolu 803-6, waqt in-notifika tad-detenzjoni tagħha mill-pulizija l-persuna għandu tingħata dokument li jiddikjara d-drittijiet tagħha."

12 Skont kliem l-Artikolu 63-4-1 tal-imsemmi kodiċi:

"Fuq talba, l-avukat jista' jikkonsulta l-proċess verbal stabbilit b'applikazzjoni tal-paragrafu ta' qabel tal-aħħar tal-Artikolu 63-1 li jikkonstata n-notifika tat-tqegħid taħt detenzjoni mill-pulizija u tad-drittijiet marbutin magħha, iċ-ċertifikat mediku stabbilit b'applikazzjoni tal-Artikolu 63-3, kif ukoll il-proċessi verbali tas-smigħ tal-persuna li huwa qiegħed jassisti. Huwa ma jistax jitlob jew jagħmel kopja tagħhom. Huwa jista' madankollu jieħu noti.

Il-persuna detenuta mill-pulizija tista' wkoll tikkonsulta d-dokumenti msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-artikolu jew kopja tagħhom."

13 L-Artikolu 73 tal-istess kodiċi jipprovdi:

"Fil-kas ta' reat *in flagrante* jew ta' delitt *in flagrante* li jġorr piena ta' priġunerija, kull persuna hija awtorizzata taqbad lill-awtur tal-imsemmi reat jew delitt u li twasslu quddiem l-eqreb uffiċjal tal-pulizija ġudizzjarja.

Meta l-persuna tiġi ppreżentata quddiem l-uffiċjal tal-pulizija ġudizzjarja, it-tqegħid tagħha taħt detenzjoni mill-pulizija, fil-każ li r-rekwiżiti ta' din il-miżura previsti minn dan il-kodiċi jkunu ssodisfatti, ma huwiex obbligatorju kemm il-darba hija ma hijiex obbligata li tibqa' għad-dispożizzjoni tal-investigaturi u li hija ġiet informata li hija tista f'kull mument titlaq mill-bini tal-pulizija jew tal-ġandarmerija. Dan il-paragrafu madankollu ma huwiex applikabbli jekk il-persuna twasslet, kontra r-rieda tagħha, mill-awtorità tal-infurzar tal-liġi quddiem l-uffiċjal tal-pulizija ġudizzjarja."

14 L-ewwel u s-sitt paragrafu tal-Artikolu 385 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali jipprevedi:

"Il-Qorti Kriminali għandha ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata n-nullità ta' proċeduri li jiġu ppreżentati quddiemha ħlief meta tkun adita b'rinviju ordnat mill-qorti istruttorja jew mill-awla istruttorja.

[…]

Fil-każijiet kollha, l-eċċezzjonijiet ta' nullità għandhom jiġu ppreżentati qabel kull difiża fuq il-mertu."

Il-proċeduri fil-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

15 Filgħaxija tat-22 ta' Marzu 2021, K.B. u F.S. ġew interrogati minn aġenti tal-pulizija ġudizzjarja minħabba l-preżenza suspettuża tagħhom ġewwa parkeġġ ta' impriża. L-aġenti kkonstataw li t-tank ta' vettura ta' merkanzija tqila pparkjata f'dan il-parkeġġ kien miftuħ u li kien hemm laned fil-qrib. Fl-22.25, dawn l-aġenti arrestaw u mmanettjaw lil K.B. u lil F.S. li kienu qegħdin jipprovaw jistaħbew u fil-pront fetħu investigazzjoni *in flagrante delicto* għal fatti ta' serq ta' fjuwil abbażi tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali.

16 Wara li interrogaw lil K.B. u lil F.S., mingħajr ma informawhom, madankollu, dwar id-drittijiet previsti fl-Artikolu 63-1 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, l-aġenti tal-pulizija ġudizzjarja avżaw lil uffiċjal tal-pulizija ġudizzjarja li talab il-preżentata immedjata taż-żewġ persuni ssuspettati għall-finijiet tat-tqegħid tagħhom taħt detenzjoni mill-pulizija konformement mal-aħħar parti tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali.

17 Filwaqt li injoraw dawn l-istruzzjonijiet stretti, l-aġenti tal-pulizija ġudizzjarja sejħu uffiċjal ieħor tal-pulizija ġudizzjarja li wasal fuq il-post fl-22.40 u, minflok ma qiegħed liż-żewġ persuni ssuspettati taħt detenzjoni mill-pulizija, ma informahom dwar l-imsemmija drittijiet u ma avża lill-prosekutur tar-Repubblika hekk kif jirrikjedi d-dritt Franċiż, huwa wettaq perkwiżizzjoni tal-vettura ta' dawn il-persuni. Waqt il-perkwiżizzjoni tal-vettura, ġew skoperti elementi li jinkriminaw, bħal tappijiet, lembut u pompa elettrika. L-uffiċjal għamel ukoll mistoqsijiet lil K.B. u lil F.S., li huma wieġbu għalihom.

18 Fl-22.50, il-prosekutur tar-Repubblika ġie avżat bit-tqegħid taħt detenzjoni mill-pulizija ta' F.S. u ta' K.B., li ġew informati bid-drittijiet tagħhom, rispettivament, fil-23.00 u fil-23.06, fosthom bid-dritt li jibqgħu siekta.

19 It-tribunal correctionnel de Villefranche-sur-Saône (il-Qorti Kriminali ta' Villefranche-sur-Saône, Franza), li hija l-qorti tar-rinviju, li ġiet adita fuq il-mertu tal-proċedura kriminali mressqa kontra K.B. u F.S. għal reati ta' serq ta' fjuwil, tikkonstata li, f'dan il-każ, twettqu atti ta' investigazzjoni u nġabru kummenti awtoinkriminanti qabel ma K.B. u F.S. ġew informati bid-drittijiet tagħhom, bi ksur tal-Artikolu 63-1 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali li jittrasponi l-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2012/13. Fid-dawl tan-natura tardiva tat-tqegħid tagħhom taħt detenzjoni mill-pulizija, tal-avżar tal-prosekutur tar-Repubblika u tal-informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom, b'mod partikolari tad-dritt li wieħed jibqa' sieket, il-qorti tar-rinviju tqis li d-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu ġie miksur. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-perkwiżizzjoni tal-vettura, id-detenzjoni mill-pulizija tal-persuni ssuspettati u l-atti kollha li jirriżultaw minnhom għandhom, bħala prinċipju, jiġu annullati, konformement mal-ġurisprudenza tal-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza).

20 F'dan il-kuntest, mill-fajl għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, abbażi tal-Artikolu 385 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, l-eċċezzjonijiet ta' nullità tal-proċedura, bħal ma huwa l-ksur tal-obbligu, previst fl-Artikolu 63-1 ta' dan il-kodiċi, li persuna tiġi informata bid-dritt tagħha li tibqa' siekta fil-mument tat-tqegħid tagħha taħt detenzjoni mill-pulizija, għandhom jiġu eċċepiti mill-persuna kkonċernata jew mill-avukat tagħha qabel kull difiża fuq il-mertu. Mill-istess fajl jirriżulta li K.B. u F.S. ġew assistiti minn avukat, iżda li dan tal-aħħar, l-istess bħal K.B. u F.S., ma eċċeppixxix, qabel id-difiża fuq il-mertu, eċċezzjoni ta' nullità, fis-sens tal-Artikolu 385 tal-imsemmi kodiċi, ibbażat fuq il-ksur ta' dan l-obbligu.

21 Min-naħa l-oħra, il-qorti tar-rinviju tosserva li l-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) interpretat l-Artikolu 385 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali fis-sens li jipprojbixxi lill-qrati li jiddeċiedu dwar il-mertu milli jikkonstataw *ex officio* n-nullità tal-proċedura, bl-eċċezzjoni ta' dik li tirriżulta min-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tagħhom, peress li l-imputat, li għandu d-dritt li jkun assistit minn avukat meta jidher jew ikun irrappreżentat quddiem qorti ta' ġudikatura kriminali, jista' jeċċepixxi tali nullità qabel kull difiża fuq il-mertu, filwaqt li l-istess imputat għandu wkoll, barra minn hekk, l-istess possibbiltà fl-appell jekk huwa ma deherx jew jekk huwa ma kienx irrappreżentat fl-ewwel istanza. Għalhekk, l-Artikolu 385 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, interpretat b'dan il-mod, x'aktarx jipprojbixxi lill-qorti tar-rinviju milli tikkonstata *ex officio* l-ksur tal-obbligu msemmi fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza.

22 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-projbizzjoni, imposta fuqha mill-Artikolu 385 tal-imsemmi kodiċi, li tikkonstata *ex officio* l-ksur ta' obbligu previst mid-dritt tal-Unjoni, bħal ma huwa l-obbligu, prevista fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2012/13, li l-persuni ssuspettati u l-persuni akkużati jiġu informati fil-pront bid-dritt tagħhom li jibqgħu siekta, hijiex konformi ma' dan id-dritt.

23 F'dan ir-rigward, hija tfakkar li l-applikazzjoni *ex officio* tad-dritt tal-Unjoni mill-qorti nazzjonali, fl-assenza ta' regoli ta' dan id-dritt fil-qasam ta' proċedura, taqa' taħt l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, fil-limiti tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività. Issa, fis-sentenza tal-14 ta' Diċembru 1995, Peterbroeck (C-312/93, EU:C:1995:437), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi l-applikazzjoni ta' regola tal-proċedura nazzjonali li tipprojbixxi lil qorti nazzjonali, adita fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni tagħha, milli tevalwa *ex officio* jekk att tad-dritt nazzjonali huwiex kompatibbli ma' dispożizzjoni tal-Unjoni, meta parti f'kawża ma tkunx invokat l-imsemmija dispożizzjoni f'ċertu terminu.

24 Min-naħa l-oħra, il-qorti tar-rinviju tagħmel riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tal-klawżoli inġusti, li fiha din tal-aħħar iddeċidiet li l-qorti nazzjonali għandha l-obbligu li teżamina *ex officio* l-ksur ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2 p. 288, rettifika fil-ĠU 2023, L 17, p. 100), għar-raġuni li tali eżami jippermetti li jinkisbu r-riżultati kkontemplati minn din id-direttiva. Din il-ġurisprudenza għalhekk tirrikonoxxi lill-qorti nazzjonali kemm l-istatus tagħha ta' awtorità ta' Stat Membru kif ukoll l-obbligu korrelattiv tagħha ta' attur b'sehem sħiħ fil-proċess ta' traspożizzjoni tad-direttivi, f'kuntest speċifiku kkaratterizzat mill-inferjorità ta' parti mill-proċedura. Issa, dan ir-raġunament relatat mal-konsumatur jista' jiġi traspost għall-imputat, iktar u iktar peress li dan tal-aħħar ma huwiex neċessarjament assistit minn avukat sabiex jinvoka d-drittijiet tiegħu.

25 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tribunal correctionnel de Villefranche-sur-Saône (il-Qorti Kriminali ta' Villefranche-sur-Saône) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikoli 3 (Id-dritt għal informazzjoni dwar id-drittijiet) u 4 (Ittra tad-drittijiet mal-arrest) tad-[Direttiva 2012/13], l-Artikolu 7 (Id-dritt li wieħed jibqa' sieket) tad-[Direttiva 2016/343], flimkien mal-Artikolu 48 (Il-preżunzjoni ta' innoċenza u dritt għad-difiża) tal-[Karta], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-projbizzjoni imposta fuq il-qorti nazzjonali li tirrileva *ex officio* ksur tad-drittijiet tad-difiża kif huma ggarantiti mill-imsemmija direttivi, u b'mod iktar

partikolari sa fejn hija pprojbita milli tirrileva *ex officio*, għall-finijiet tal-annullament tal-proċedura, l-assenza ta' notifika tad-dritt li wieħed jibqa' sieket fil-mument tal-arrest jew notifika tardiva tad-dritt li wieħed jibqa' sieket nazzjonali?"

Fuq id-domanda preliminari

26 Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, huwa l-kompitu ta' din tal-aħħar li tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tgħinha tiddeċiedi l-kawża quddiemha. Minn din il-perspettiva, jekk ikun il-każ, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tifformula mill-ġdid id-domandi li jkunu ġew sottomessi lilha. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu inkunsiderazzjoni regoli tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti nazzjonali ma tkunx għamlet riferiment għalihom fid-domanda tagħha (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Ministrstvo za obrambo, C-742/19, EU:C:2021:597, punt 31).

27 Effettivament, il-fatt li qorti nazzjonali tkun ifformulat, minn perspettiva formali, domanda preliminari billi għamlet riferiment għal ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdi lil din il-qorti l-punti kollha ta' interpretazzjoni li jistgħu jkunu utli għad-deċiżjoni tal-kawża quddiemha, indipendentement minn jekk għamlitx riferiment għalihom fid-domandi tagħha. F'dan ir-rigward, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tislet, mill-informazzjoni kollha pprovduta mill-qorti nazzjonali, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, il-punti tad-dritt tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fir-rigward tas-suġġett tat-tilwima (sentenza tat-22 ta' Diċembru 2022, Ministre de la Transition écologique u Premier ministre (Responsabbiltà tal-Istat għat-tniġġis tal-arja), C-61/21, EU:C:2022:1015, punt 34 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

28 F'dan il-każ, għandu jiġi osservat li d-domanda preliminari ssemmi, fost l-oħrajn, l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2016/343, li fil-paragrafu (1) tiegħu jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni ssuspettati u l-persuni akkużati jkollhom id-dritt li jibqgħu siekta f'dak li jirrigwarda r-reat kriminali li huma ssuspettati li wettqu jew li fir-rigward tiegħu tressqu proċeduri kriminali kontrihom.

29 Madankollu, għandu jiġi osservat li t-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet ifformulata f'kuntest fejn il-persuni kkonċernati ġew informati b'mod tardiv dwar id-dritt li wieħed jibqa' sieket peress li, hekk kif jirriżulta mill-punti 16 sa 19 ta' din is-sentenza, aġenti u uffiċjal tal-pulizija ġudizzjarja kienu għamlulhom mistoqsijiet u kienu ġabru kummenti awtoinkriminanti min-naħa tagħhom qabel ma ġew ipprovduti b'din l-informazzjoni. Għalhekk din id-domanda tirrigwarda l-konsegwenzi li l-qorti li tiddeċiedi dwar il-mertu għandha, jekk ikun il-każ, tislet min-natura tardiva tal-imsemmija informazzjoni meta din ma tkunx ġiet invokata minn dawn il-persuni jew mill-avukat tagħhom fit-terminu stabbilit mid-dritt tal-Istat Membru kkonċernat. Issa, l-obbligu li awtoritajiet kompetenti għandhom li jipprovdu fil-pront, lill-persuni ssuspettati jew lill-persuni akkużati, informazzjoni u ittra tad-drittijiet fir-rigward, b'mod partikolari, tad-dritt li wieħed jibqa' sieket, l-istess bħall-obbligu li l-Istati Membri jiżguraw li n-nuqqas jew ir-rifjut ta' provvista ta' tali informazzjoni jew ta' tali ittra jkunu jistgħu jiġu kkontestati, huma speċifikament irregolati mid-Direttiva 2012/13, b'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda l-ewwel obbligu, mill-Artikoli 3 u 4 tagħha kif ukoll, f'dak li jirrigwarda t-tieni obbligu, mill-Artikolu 8(2) tagħha. Għalhekk, hekk kif ġie essenzjalment osservat mill-Avukat Ġenerali fil-punti 31 sa 35 tal-konklużjonijiet tiegħu, ir-risposta għad-domanda preliminari għandha tingħata biss fid-dawl ta' din id-direttiva.

30 Min-naħa l-oħra, mill-premessa 14 tad-Direttiva 2012/13 jirriżulta li din hija msejsa fuq id-drittijiet sanċiti b'mod partikolari fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta u hija intiża li tippromwovi dawn id-drittijiet fir-rigward tal-persuni ssuspettati jew tal-persuni akkużati fil-kuntest ta' proċeduri kriminali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Rayonna prokuratura Lom, C-467/18, EU:C:2019:765, punt 37).

31 Issa, għalkemm id-domanda preliminari tagħmel biss riferiment għall-Artikolu 48 tal-Karta dwar il-preżunzjoni ta' innoċenza u d-drittijiet tad-difiża, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li d-dritt li wieħed jibqa' sieket ma huwiex iggarantit biss minn dan l-artikolu, iżda wkoll mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 Karta dwar id-dritt għal smigħ xieraq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Frar 2021, Consob, C-481/19, EU:C:2021:84, punt 45). Għalhekk, din il-kwistjoni għandha wkoll tiġi eżaminata wkoll fid-dawl tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta.

32 F'dawn iċ-ċirkostanzi, għandu jitqies li l-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikoli 3 u 4 kif ukoll l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lill-qorti li tiddeċiedi dwar il-mertu f'materji kriminali milli tikkonstata *ex officio*, għall-finijiet tal-annullament tal-proċedura, il-ksur tal-obbligu impost fuq l-awtoritajiet kompetenti, abbażi ta' dawn l-Artikoli 3 u 4, li jinformaw fil-pront lill-persuni ssuspettati jew lill-persuni akkużati bid-dritt tagħhom li jibqgħu siekta.

33 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, abbażi tal-Artikolu 3(1)(e) u (2) kif ukoll tal-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva 2012/13, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati jirċievu fil-pront informazzjoni orali jew bil-miktub u, meta dawn il-persuni jiġu arrestati jew detenuti, ittra tad-drittijiet dwar, fost l-oħrajn, id-dritt li wieħed jibqa' sieket, b'tali mod li jiġi permess l-eżerċizzju effettiv ta' dan id-dritt. Għalhekk dawn id-dispożizzjonijiet jipprevedu obbligu, impost fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati jiġu informati fil-pront bl-imsemmi dritt, fejn għandu jiġi speċifikat li, indipendentement min-natura eventwalment iktar stretta ta' dan l-obbligu f'dak li jirrigwarda l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati arrestati jew detenuti, mill-premessa 19 ta' din id-direttiva jirriżulta li, f'kull każ, l-informazzjoni msemmija iktar 'il fuq għandha tiġi pprovduta mhux iktar tard mill-ewwel interrogazzjoni uffiċjali tal-persuna ssuspettata jew tal-persuna akkużata mill-pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra.

34 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju kkonstatat, essenzjalment, li K.B. u F.S., li ġew arrestati *in flagrante delicto* u li għalhekk kellhom, inkwantu persuni arrestati jew issuspettati li wettqu reat kriminali, jiġu informati fil-pront bid-dritt tagħhom li jibqgħu siekta abbażi tad-dritt nazzjonali li jittrasponi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/13 imsemmija fil-punt preċedenti, kienu ġew informati b'mod tardiv dwar dan id-dritt, jiġifieri biss wara li aġenti u uffiċjal tal-pulizija ġudizzjarja kienu għamlulhom mistoqsijiet u kienu ġabru kummenti awtoinkriminanti.

35 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li, abbażi tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati, jew l-avukat tagħhom, ikollhom id-dritt li jikkontestaw, konformement mal-proċeduri nazzjonali, l-eventwali fatt li l-awtoritajiet kompetenti ma jipprovdux jew jirrifjutaw li jipprovdu informazzjoni konformement ma' din id-direttiva.

36 Din id-dispożizzjoni tapplika b'mod partikolari f'sitwazzjoni fejn l-informazzjoni dwar id-dritt li wieħed jibqa' sieket ġiet ipprovduta b'mod tardiv. Fil-fatt, peress li l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva jeżiġu li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati jiġu informati fil-pront bid-dritt tagħhom li jibqgħu siekta, informazzjoni f'dan ir-rigward li tiġi pprovduta mingħajr osservanza ta' dan ir-rekwiżit ta' "fil-pront" ma tistax titqies bħala li ġiet ipprovduta "konformement" ma' din id-direttiva. Għaldaqstant, b'applikazzjoni tal-Artikolu 8(2) tal-imsemmija direttiva, il-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati, jew l-avukat tagħhom, għandhom ikunu jistgħu jikkontestaw dan in-nuqqas ta' komunikazzjoni.

37 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, meqjusa l-importanza tad-dritt għal rimedju effettiv, protett fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13 jipprekludi kull miżura nazzjonali li tostakola l-eżerċizzju ta' rimedji effettivi f'każ ta' ksur tad-drittijiet protetti minn din id-direttiva (sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Rayonna prokuratura Lom, C-467/18, EU:C:2019:765, punt 57).

38 Madankollu, permezz tar-riferiment li hija tagħmel għall-"proċeduri fil-liġi nazzjonali ", din id-dispożizzjoni tad-Direttiva 2012/13 la tippreċiża l-modalitajiet u t-termini li fihom il-persuni ssuspettati u l-persuni akkużati kif ukoll, jekk ikun il-każ, l-avukat tagħhom jistgħu jinvokaw ksur tal-obbligu li tali persuni ssuspettati u tali persuni akkużati jiġu informati bid-dritt tagħhom li jibqgħu siekta u lanqas ma tippreċiża l-eventwali konsegwenzi proċedurali li jirriżultaw minn dan in-nuqqas ta' invokazzjoni, bħall-possibbiltà li l-qorti li tiddeċiedi dwar il-mertu f'materji kriminali tikkonstata l-ksur *ex officio* għall-finijiet tal-annullament tal-proċedura. Il-marġni ta' manuvra hekk mogħti lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu dawn il-modalitajiet u dawn il-konsegwenzi huwa, għal darb'oħra, ikkonfermat mill-premessa 36 ta' din id-direttiva, li tgħid li d-dritt ta' kontestazzjoni, konformement mad-dritt nazzjonali, tal-eventwali fatt li l-awtoritajiet kompetenti ma jipprovdux jew jirrifjutaw li jipprovdu informazzjoni jew li jiżvelaw ċerti dokumenti tal-kawża abbażi tal-imsemmija direttiva ma jimponix fuq l-Istati Membri l-obbligu li jipprevedu proċedura ta' appell speċifika, mekkaniżmu separat jew proċedura ta' lmentar li tippermetti din il-kontestazzjoni.

39 Għandu, għalhekk, jiġi kkonstatat li d-Direttiva 2012/13 ma tipprevedix regoli li jirregolaw l-eventwali possibbiltà li l-qorti li tiddeċiedi dwar il-mertu f'materji kriminali tikkonstata *ex officio*, għall-finijiet tal-annullament tal-proċedura, ksur tal-obbligu li tali persuni ssuspettati u tali persuni akkużati jiġu informati fil-pront bid-dritt tagħhom li jibqgħu siekta.

40 Għandu madankollu jitfakkar li l-Istati Membri, meta jimplimentaw l-Artikolu 3(1)(e), l-Artikolu 4(1), u l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13, huma obbligati, konformement mal-Artikolu 51(1) tal-Karta, li jiżguraw l-osservanza tar-rekwiżiti li jirriżultaw kemm mid-dritt għal rimedju effettiv u mid-dritt għal smiegħ xieraq sanċiti fl-ewwel u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta kif ukoll mid-drittijiet tad-difiża sanċiti fl-Artikolu 48(2) tal-Karta, li huma kkonkretizzati minn dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/13 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, TL (Assenza ta' interpretu u ta' traduzzjoni), C-242/22 PPU, EU:C:2022:611, punt 42).

41 Għandu jingħad ukoll li, konformement mal-Artikolu 52(3) tal-Karta, is-sens u l-portata tad-drittijiet previsti fiha huwa l-istess bħal dak tad-drittijiet korrispondenti ggarantit mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), u dan ma jostakolax lid-dritt tal-Unjoni milli jgħatti protezzjoni iktar wiesgħa. Għalhekk, fl-interpretazzjoni tad-drittijiet iggarantiti mill-ewwel u mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 u

mill-Artikolu 48(2) tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu inkunsiderazzjoni d-drittijiet korrispondenti ggarantiti mill-Artikoli 6 u 13 tal-KEDB, kif interpretati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, bħala limitu minimu ta' protezzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Frar 2021, Consob, C-481/19, EU:C:2021:84, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tad-9 ta' Marzu 2023, Intermarché Casino Achats vs Il-Kummissjoni, C-693/20 P, EU:C:2023:172, punti 41 sa 43). Barra minn hekk, il-premessa 14 tad-Direttiva 2012/13 espliċitament issemmi l-fatt li din id-direttiva tiżviluppa b'mod partikolari l-Artikolu 6 tal-KEDB, kif interpretat minn dik il-qorti.

42 F'dan ir-rigward u bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, għandu jiġi osservat li, hekk kif jirriżulta mill-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-Gvern Franċiż fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu u waqt is-seduta, id-dritt kriminali Franċiż, b'mod partikolari l-Artikolu 63-1(3), l-Artikolu 63-4-1 u l-Artikolu 385 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, jippermetti li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati kif ukoll, jekk ikun il-każ, l-avukat tagħhom, jinvokaw b'kull mezz u f'kull mument, bejn it-tqegħid tagħhom taħt detenzjoni mill-pulizija u l-preżentazzjoni tad-difiża fuq il-mertu, kull ksur tal-obbligu li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati jiġu informati fil-pront bid-dritt tagħhom li jibqgħu siekta, hekk kif dan jirriżulta mill-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2012/13, fejn ġie speċifikat li kemm dawn il-persuni ssuspettati u dawn il-persuni akkużati kif ukoll l-avukat tagħhom għandhom id-dritt ta' aċċess għall-fajl u, b'mod partikolari, għall-proċess verbal li jikkonstata l-informazzjoni dwar it-tqegħid taħt detenzjoni mill-pulizija u dwar id-drittijiet marbutin ma' din id-detenzjoni.

43 Issa, huwa permissibbli li l-Istati Membri, abbażi tal-marġni ta' manuvra mogħti lilhom mid-Direttiva 2012/13, jillimitaw *ratione temporis* l-invokazzjoni ta' tali ksur fl-istadju preċedenti għall-preżentazzjoni tad-difiża fuq il-mertu. B'mod partikolari, għandu jitqies li l-projbizzjoni imposta fuq il-qorti kriminali li tiddeċiedi dwar il-mertu milli tikkonstata dan il-ksur *ex officio* għall-finijiet tal-annullament tal-proċedura tirrispetta, bħala prinċipju, kemm id-dritt għal rimedju effettiv u d-dritt għal smiegħ xieraq sanċiti fl-ewwel u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, kif ukoll d-drittijiet tad-difiża sanċiti fl-Artikolu 48(2) tal-Karta, kemm-il darba l-persuni ssuspettati, il-persuni akkużati jew l-avukat tagħhom kellhom il-possibbiltà konkreta u effettiva li jinvokaw il-ksur inkwistjoni u li sabiex jagħmlu dan huma kellhom kemm terminu raġonevoli kif ukoll aċċess għall-fajl.

44 Dan espost, sabiex jiġi żgurat l-effett utli tad-dritt li wieħed jibqa' sieket, għandu jiġi speċifikat li tali konklużjoni hija valida biss sakemm dawn il-persuni kellhom b'mod konkret u effettiv, matul it-terminu li huma għandhom sabiex jinvokaw ksur tal-Artikolu 3(1)(e) u tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2012/13, id-dritt ta' aċċess għal avukat, kif sanċit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/48 u kif huwa ffaċilitat mill-mekkaniżmu ta' għajnuna legali previst mid-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (ĠU 2016, L 297, p. 1, rettifika fil-ĠU 2017, L 91, p. 40).

45 Din l-interpretazzjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/13, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, hija kkonfermata mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 6 tal-KEDB, li diġà ddeċidiet li s-sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà partikolari tal-akkużat fl-istadju tal-investigazzjoni għall-preparazzjoni tal-proċess tista' tiġi kkumpensata b'mod xieraq biss bl-assistenza ta' avukat, li l-kompitu tiegħu jikkonsisti b'mod partikolari f'li jiżgura li d-dritt ta' kull akkużat li ma jinkriminax ruħu jiġi osservat (Qorti EDB, 27 ta' Novembru 2008, Salduz vs It-Turkija, CE:ECHR:2008:1127JUD003639102, punt 54).

46 Il-fatt li d-dritt nazzjonali għandu jagħti lill-persuni ssuspettati u lill-persuni akkużati l-possibbiltà konkreta u effettiva li jkollhom aċċess għal avukat madankollu ma jeskludix li, jekk huma jirrinunzjaw għal din il-possibbiltà, huma għandhom, bħala prinċipju, isostnu l-eventwali konsegwenzi ta' din ir-rinunzja kemm-il darba din twettqet b'mod konformi mal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2013/48. B'mod partikolari, il-paragrafu (1) ta' din id-dispożizzjoni jipprevedi li l-persuna ssuspettata jew il-persuna akkużata għandha tkun irċeviet, bil-fomm jew bil-miktub, informazzjoni ċara u suffiċjenti, b'lingwaġġ sempliċi u li jinftiehem, dwar il-kontenut tad-dritt ta' aċċess għal avukat u l-eventwali konsegwenzi ta' rinunzja għalih u li r-rinunzja għandha tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.

47 Il-kunsiderazzjoni msemmija fil-punt 44 ta' din is-sentenza ma hijiex ikkontestata mill-fatt li l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13 jipprevedi li l-ksur tal-obbligu li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati jiġu informati fil-pront bid-dritt tagħhom li jibqgħu siekta għandu jkun jista' jiġi invokat mill-persuna ssuspettata jew mill-persuna akkużata "jew" tabilħaqq mill-avukat tagħhom. Fil-fatt, din il-konġunzjoni ta' koordinazzjoni għandha tinftiehem fis-sens li l-imsemmija persuna ssuspettata jew l-imsemmija persuna akkużata għandhom jinvokaw tali ksur huma stess biss fil-każ fejn huma jkunu validament irrinunzjaw għall-possibbiltà li jkunu assistiti minn avukat, rinunzja li l-validità tagħha għandha tkun ivverifikata minn qorti, jew fejn jippreferu jesponu dan il-ksur huma stess pjuttost milli permezz tal-avukat tagħhom.

48 Barra minn hekk, għandu wkoll jiġi osservat li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, meta jiġi kkonstatat difett proċedurali, huma l-qrati nazzjonali li għandhom iwettqu l-evalwazzjoni tal-kwistjoni ta' jekk ġiex ipprovdut rimedju għal dan id-difett matul il-proċedura li ġiet warajh, fejn l-assenza ta' tali evalwazzjoni hija fiha nnifisha *prima facie* inkompatibbli mar-rekwiżiti ta' smigħ xieraq fis-sens tal-Artikolu 6 tal-KEDB (Qorti EDB, 28 ta' Jannar 2020, Mehmet Zeki Çelebi vs It-Turkija, CE:ECHR:2020:0128JUD002758207, punt 51). Għalhekk, fil-każ fejn persuna ssuspettata ma tkunx ġiet informata, fi żmien utli, dwar id-drittijiet tagħha li ma tinkriminax ruħha u li tibqa' siekta, għandu jiġi ddeterminat jekk, minkejja din il-lakuna, il-proċedura kriminali fit-totalità tagħha tistax titqies bħala li hija xierqa, b'teħid inkunsiderazzjoni kemm ta' sensiela ta' fatturi li fosthom hemm il-punt li jkun magħruf jekk id-dikjarazzjonijiet miġbura fl-assenza ta' tali informazzjoni humiex parti integrali jew importanti mill-provi inkriminanti, kif ukoll tas-saħħa tal-elementi l-oħra tal-fajl (ara, f'dan is-sens, il-Qorti EDB, 13 ta' Settembru 2016, Ibrahim *et* vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:2016:0913JUD005054108, punti 273 u 274).

49 Mill-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq jirriżulta li ma jistax jitqies li leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lill-qorti li tiddeċiedi dwar il-mertu f'materji kriminali milli tikkonstata *ex officio*, għall-finijiet tal-annullament tal-proċedura, il-ksur tal-obbligu impost fuq l-awtoritajiet kompetenti, abbażi tal-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2012/13, li jinformaw fil-pront lill-persuni ssuspettati jew lill-persuni akkużati bid-dritt tagħhom li jibqgħu siekta tikser l-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, meta dawn il-persuni ssuspettati jew dawn il-persuni akkużati ma jkunux ġew imċaħħda mill-possibbiltà konkreta u effettiva ta' aċċess għal avukat konformement mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/48, jekk ikun hemm bżonn bl-użu tal-għajnuna legali taħt il-kundizzjonijiet previsti mid-Direttiva 2016/1919, u li kellhom; l-istess bħal ma kellu, jekk ikun il-każ, l-avukat tagħhom; id-dritt li jaċċedu għall-fajl tagħhom u li jinvokaw dan il-ksur f'terminu raġonevoli, konformement mal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13.

50 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkonfutata mill-ġurisprudenza invokata mill-qorti tar-rinviju u msemmija fil-punti 23 u 24 ta' din is-sentenza.

51 Fil-fatt, minn naħa, fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-14 ta' Diċembru 1995, Peterbroeck (C-312/93, EU:C:1995:437), id-dritt nazzjonali kien jagħti lill-qorti s-setgħa li tevalwa *ex officio* l-kompatibbiltà ta' att tad-dritt nazzjonali ma' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, il-qorti tar-rinviju kienet sabet ruħha, minħabba l-fatt li t-terminu li matulu din l-evalwazzjoni setgħet issir *ex officio* kien diġà skada fid-data ta' meta nżammet is-seduta, spussessata minn din is-setgħa. Min-naħa l-oħra, il-kwistjoni fil-kawża prinċipali tirrigwarda l-kwistjoni ta' jekk id-dritt tal-Unjoni jimponix ir-rikonoxximent lill-qorti nazzjonali tal-possibbiltà li tikkonstata *ex officio* ksur tad-dritt tal-Unjoni, meta din il-possibbiltà tkun ipprojbita lilha mid-dritt nazzjonali.

52 F'dak li jirrigwarda, min-naħa l-oħra, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fil-qasam tal-klawżoli inġusti, għandu jiġi enfasizzat li r-relazzjonijiet legali li huma s-suġġett ta' sistema intiża għall-protezzjoni tal-konsumaturi tant huma differenti, fuq dan il-punt, minn dawk inkwistjoni fil-kuntest tal-proċeduri kriminali, hekk kif huma inkwistjoni fil-kawża prinċipali u mfakkra fil-punt 45 ta' din is-sentenza, li l-prinċipji żviluppati fil-qasam tal-klawżoli inġusti ma jistgħux jiġu sempliċement applikati fil-qasam tal-garanziji proċedurali fi proċeduri kriminali.

53 Fid-dawl tal-motivi kollha esposti iktar 'il fuq, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikoli 3 u 4 kif ukoll l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lill-qorti li tiddeċiedi dwar il-mertu f'materji kriminali milli tikkonstata *ex officio*, għall-finijiet tal-annullament tal-proċedura, il-ksur tal-obbligu impost fuq l-awtoritajiet kompetenti, abbażi ta' dawn l-Artikoli 3 u 4, li jinformaw fil-pront lill-persuni ssuspettati jew lill-persuni akkużati bid-dritt tagħhom li jibqgħu siekta, meta dawn ma jkunux ġew imċaħħda mill-possibbiltà konkreta u effettiva ta' aċċess għal avukat konformement mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/48, jekk ikun hemm bżonn bl-użu tal-għajnuna legali taħt il-kundizzjonijiet previsti mid-Direttiva 2016/1919, u li kellhom; l-istess bħal ma kellu, jekk ikun il-każ, l-avukat tagħhom; id-dritt li jaċċedu għall-fajl tagħhom u li jinvokaw dan il-ksur f'terminu raġonevoli, konformement mal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13.

Fuq l-ispejjeż

54 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikoli 3 u 4 kif ukoll l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lill-qorti li tiddeċiedi dwar il-mertu f'materji kriminali milli tikkonstata *ex officio*, għall-finijiet tal-annullament tal-proċedura, il-ksur tal-obbligu impost fuq l-awtoritajiet kompetenti, abbażi ta' dawn l-Artikoli 3 u 4, li jinformaw fil-pront lill-persuni ssuspettati jew lill-persuni akkużati bid-dritt tagħhom li

jibqgħu siekta, meta dawn ma jkunux ġew imċaħħda mill-possibbiltà konkreta u effettiva ta' aċċess għal avukat konformement mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà, jekk ikun hemm bżonn bl-użu tal-għajnuna legali taħt il-kundizzjonijiet previsti mid-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u li kellhom; l-istess bħal ma kellu, jekk ikun il-każ, l-avukat tagħhom; id-dritt li jaċċedu għall-fajl tagħhom u li jinvokaw dan il-ksur f'terminu raġonevoli, konformement mal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13.

Firem

[i] — Fil-punt 45, 46 u 48 ta' dan it-test saret modifika ta' natura lingwistika, wara li kien tqiegħed online għall-ewwel darba.